MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 2577/1997/1

**Francis Fenech, George Cassar, John Agius u Raymond Agius personalment u FCJR Co. Ltd.**

**v.**

**Traveller's Lodge Co. Ltd. u b'digriet tal-20 ta' April 1998**
**gie kjamat fil-kawza Anthony Mario Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma kredituri tas-socjetà konvenuta fl-ammont ta’ seba’ u tmenin elf lira Maltin (Lm87,000), oltre l-imghax dekors, bilanc ta’ somma akbar dovuta lilhom skond skrittura privata tal-1992 li giet iffirmata fil-prezenza ta’ l-avukat Dr. Henri Mizzi (annessa u mmarkata Dok. A); illi skond l-istess s-socjetà konvenuta obbligat ruhha li thallas l-ammont fi zmien xahrejn mid-data ta’ l-istess skrittura u sal-lum ghadu ma thallasx; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta’ l-atturi, is-socjetà konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba ta’ l-atturi ghall-hlas ta’ l-istess ammont; illi ghalkemm interpellata diversi drabi, anki permezz ta’ l-ittra tas-17 ta’ Jannar, 1997, is-socjetà konvenuta baqghet inadempjenti; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a termini ta’ l-artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-ligijiet ta’ Malta); 2. tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex fi zmien li dik il-Qorti joghgobha tistabilixxi thallas lill-atturi s-somma ta’ seba’ u tmenin elf lira Maltin (Lm87,000) oltre l-imghax dekors, bilanc ta’ somma akbar dovut lilhom skond l-iskrittura privata fuq imsemmija; bl-ispejjez kontra s-socjetà konvenuta inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 5531/97 ddatat 3 ta’ Novembru 1997 li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi, guramentata minn Francis Fenech, George Cassar, John Agius u Raymond Agius, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-pagament reklamat fic-citazzjoni mhux dovut ghaliex l-iskrittura privata esebita *de quo* hija nulla kemm mill-aspett formali kif ukoll mill-aspett materjali; dwar l-ewwel sottomissjoni u cioè l-aspett formali hija nulla in kwantu ma fihiex data; mill-aspett materjali l-iskrittura u l-obbligazzjoni kontrattwali li allegatament tipprova hija nulla in kwantu afflitta minn kawza simulata ghaliex tirreferi ghal obbligazzjoni intestenti (*sic*), minn vizzju ta’

kunsens ghaliex il-konvenut qatt ma ffirmaha, minn oggett u kawza falza, minn oggett u kawza illecita; illi l-konvenut qed jipprocedi b'gudizzju separat halli jitlob dikjarazzjoni ta' dik il-Qorti illi l-iskrittura esebita mill-atturi hija nulla u minghajr effett;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, meta s-socjetà konvenuta akkwistat minghand is-socjetà F.C.J.R. Company Limited il-lukanda Travellers Lodge, Bugibba u dan in virtù ta' Att ippublikat min-Nutar Dottor Antoine Agius fit-30 ta' Mejju 1992, kopja esebita Dok. AMV1, Travellers Lodge Co Limited minn liema Att Pubbliku jirrizulta konklusivament illi l-pagament mis-socjetà konvenuta sar ghas-saldu ta' kull obbligazzjoni tas-socjetà konvenuta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kienu l-atturi jew min minnhom illi kienu responsabbli ghal inadempjenza kontrattwali u s-socjetà konvenuta qed tagixxi wkoll b'gudizzju seperat;

Salvi eccezzjonijiet ohra u bir-rizerva ta' kull azzjoni fil-Ligi spettanti lill-konvenut kontra l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, guramentata minn Anthony Mario Vella, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza illi permezz taghha, wara illi eccepixxa illi huwa jattira l-attenzjoni tal-Qorti li l-isem korrett tal-konvenut proprio huwa Anthony Mario Vella u gie kjamat bhala Mario Vella, avanza wkoll l-eccezzjonijiet kollha hawn fuq riprodotti moghtija mis-socjetà konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kjamat fil-kawza;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjetà konvenuta u tal-kjamat fil-kawza illi permezz taghha eccepew:

1. Illi skond il-verzjoni attrici, l-origini tal-kreditu pretiz jikkonsisti f'bilanc ta' xoghol ta' kostruzzjoni esegwit mill-atturi, liema kreditu pretiz huwa infondat fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gà sollevati mill-konvenuti, u ghall-posizzjoni tal-konvenuti li l-kreditu vantat huwa fittizju u fabbrikat, kwalunkwe kreditu

konsistenti f'xoghol ta' bini u kostruzzjoni huwa fi kwalunkwe kaz milqut mit-terminu preskrittiv ta' tmintax-il xahar *ai termini* ta' l-artikolu 2148(a) Kap. 16, u t-talba attrici hija ghaldaqstant perenta;
3. Illi minghajr pregudizzju, jigi eccepit it-terminu preskrittiv biennali a tenur ta' l-artikolu 2149(a) Kap. 16 fir-rigward ta' kontrattazzjoni ta' xoghol ta' bini, u dan sussidjarjament in kwantu dan it-terminu jista' jkun applikabbli b'mod komplementari, jew alternattivament fil-kaz illi jirrizulta li l-kreditu vantat jaqa' esklussivament taht dan it-terminu;
4. Illi in vista ta' l-artikolu 2160(1) Kap. 16 u ghal kull buon fini, jigi rilevat illi l-konvenut Anthony Mario Vella gà ddikjara bil-gurament (u dan fil-kwalità tieghu personali kif ukoll rappresentattiva) illi l-konvenuti ma humiex debituri ta' l-atturi;
5. Illi b'riferenza ghall-kap ta' l-ispejjez, jinghad li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qieghda ssir f'dan l-istadju avvanzat tal-proceduri u ma saritx qabel ghaliex l-origini ta' l-allegat kreditu ma giex sufficjentement spjegat fic-citazzjoni attrici bil-mod kif eventwalment irrizulta mix-xhieda ta' l-atturi stess;
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tletin (30) ta' Marzu, 2001 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talba attrici, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"**Nullità ta' l-iskrittura Dok A.**

"Dwar din l-iskrittura xehed **Dr. Henri Mizzi** li kien hu stess li rredigiha. Fuq l-iskrittura hu xehed li d-dok A hu kopja ta' ftehim li kien sar fil-1992 u li kien kitbu hu. Il-kl[i]jenti tieghu kienu l-kumpanija FCJR. Fuq dan in-negozju l-konvenut kien assistit mill-Avukat Schriha. Is-socjetà Traveller's Lodge kienet qed tiehu *loan* biex tiffinanzja l-akkwist tal-lukanda. Fl-istess gurnata saru l-iskrittura u l-kuntratt ta' akkwist. L-iskrittura saret immedjatament qabel l-akkwist tal-lukanda fl-ufficini tal-Bank. Ir-raguni li saret l-iskrittura qabel, kienet li kien hemm necessità li l-venditur jiddikjara lill bank li kif

appena jircievi l-flus mill-bank jghid li m'hemmx bilanc izjed ta' prezz dovut. Ghalhekk din l-iskrittura li kienet tissalda parti mill-prezz saret immedjatament qabel il-kuntratt ta' bejgh u *loan*. Il-firem saru quddiemu. Iffirma quddiemu s-Sur Vella u s-Sur Fenech. Hu kien insista li Vella jiffirma darbtejn billi fl-iskrittura hu kien qed jidher ghan-nom ta' Traveller's Lodge u iktar tard personalment bhala garanti ta' l-istess obbligi ta' Traveller's Lodge.

"Dwar din ix-xhieda l-konvenut xehed li Dr. Mizzi qed jigdeb.

"Izda l-istess haga xehed l-*accountant* ta' l-atturi **Deo Scerri**. Hu qal li d-dok A kien gie iffirmat mill-konvenut Vella u minn Francis Fenech ghal FCJR. Hu kien prezenti meta gie ffirmat. FCJR kien fadlilhom bilanc x'jithallsu fuq il-bejgh tal-lukanda u gie miftiehem mal-konvenut u l-avukat tieghu li parti mis-somma tithallas mill-bank. Lm100,000 kellhom jithallsu direttament mill-bank u Lm87,000 l-ohra jehodhom bhala debitu Francis Fenech peress li kien bena l-lukanda hu. Il-bank kien emfasizza li ma riedx li jkun hemm dejn ma' FCJR meta jigi firmat il-kuntratt. L-iskrittura giet iffirmata qabel ma gie ffirmat il-kuntratt mal-bank. L-iskrittura kien kitibha Dr. H. Mizzi.

"Dwar dan ix-xhud il-konvenut insinwa li qed jigdeb ukoll.

"Tikkunsidra

"Din l-iskrittura kienet giet iffirmata mill-konvenut kemm ghan nom tat Treveller's Lodge Co. Ltd. kif ukoll personalment bhala garanti *in solidum* tal-pagament tal-ammont ta' Lm87,000 kif jirrizulta mill-istess dokument.

"Kemm Dr. Mizzi kif ukoll Deo Scerri kkonfermaw li n-negozjati u l-iffirmar ta' l-iskrittura sar wara konsultazzjoni mal-Avukati tal-konvenut. Zgur ghalhekk li l-konvenut ma kienx qed jiffirma f'ghama jew ghax imgieghel.

"Anzi Deo Scerri izid jghid fix-xhieda tieghu li Vella kien avvicinah kemm il-darba wara l-kuntratt halli jithallsu l-

Lm87,000 u l-interessi fuqhom. Kienu kellmuh fuqha Dr. Scriha, Dr. Attard Montaldo u l-*accountant* Ralph Axiaq. Kienu waslu li kellhom jithallsu b'rati u anke ftehemu fuq l-interessi. Il-problema kienet li l-konvenut qatt ma wasal biex ihallas lura l-flus. Inoltre Scerri xehed li Vella qatt ma cahad mieghu li kellu jaghti il-Lm87,000 lill-atturi.

"Giet ezibita ittra a fol. 134 mill-atturi datata May 1992 iffirmata mill-konvenut li biha huwa rrikonoxxa wkoll li ghandu jaghti l-ammont ta' Lm87,000 lill atturi.

"Gie ezibit ukoll mill-atturi *share transfer* u *Form K* dwar bdil ta' diretturi tas-socjetà konvenuta li l-konvenut kellu jaghmel biex jaghti garanzija tal-ammont ta' Lm87,000 dovuti minnu lill-atturi. Id-diretturi kellhom jinbidlu meta jsir is-*share transfer*.

"Ta' minn jinnota wkoll li l-konvenut waqt il-kawza ma ezentax lill avukat tieghu Dr. J. Attard Montaldo mis-sigriet professjonali u lanqas tella bhala xhud lill Ralph Axiaq li kien prezenti meta giet iffirmata l-iskrittura biex jikkontradicu dak li xehdu Dr. Mizzi, Deo Scerri u l-atturi.

"Il-konvenut qed jissottometti li l-iskrittura hija bla data, izda din ma ggibx in-nullità taghha. Mill-provi prodotti jirrizulta li din giet iffirmata dak in-nhar stess li sar il-kuntratt ta' self mill-bank, u ezattament qabel ma dahlu biex jaghmlu l-kuntratt cioè 30 ta' Mejju, 1992. Jirrizulta mix-xhieda li din giet iffirmata qabel il-kuntratt u anke mill-istess kontenut ta' l-iskrittura hemm indikazzjoni li din kellha ssir qabel.

"Dwar il-konnotazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta mill-iskrittura li din saret bejn Mario Vella *appearing hereon for and on behalf of Traveller's Lodge Co. Ltd (purchasers) and Francis Fenech appearing hereon for and on behalf of FCJR Co. Ltd*. Mill provi prodotti jirrizulta li l-partijiet fuq l-iskrittura huma l-attur Francis Fenech u l-konvenuti Traveller's Lodge u Mario Vella u l-firem huma ta' Francis Fenech u ta' Mario Vella li ma cahadx li kien iffirma fuq l-iskrittura ghalkemm ighid li dak li ffirma ghalih ma kellux x'ja[q]sam ma dak li ftehmu.

"**Simulazzjoni**

"Il-konvenut qed jikkontesta l-iskrittura ukoll a bazi tal-fatt li hu hallas Lm243,250 u ghalhekk m'ghandux jaghti l-ammont mitlub ta' Lm87,000. Dwar l-ammont li hallas u kif hallas hu xehed li kien dahal shab ma George Seychell fix-xiri ta' lukanda f'Bugibba. Seychell kellu johrog Lm40,000 (f'garaxxijiet) u hu Lm13,000 (*plot* li xtara f'Bugibba). Kien sar konvenju ghand in Nutar A. Abela u sar id-depozitu ta' Lm53,000. Il-hlas kellu jsir lill Falzon Brothers li kienu ser jibnu l-lukanda. Is-somma ta' Lm53,000 kellha tinqata mill Lm240,000 il-prezz totali tal-lukanda. Il-Lm87,000 kien il-bilanc li fadal. Imbaghad sar il-konvenju fuq Lm187,000. Wara George Seychell kien hareg minn negozju u saret l-iskrittura a fol. 64. Hu kien ghamel *part payment* lill Falzon Brothers billi baghthom jiehdu konkos u *bricks* minghand Montebello tal-Bluemix billi dawn kellhom jaghtuh Lm30,000. Hu kien hallas lil Ray Agius Lm140,000 bi flus kontanti u b'cekkijiet mahrugin fuqu minn terzi ara ricevuta Dok. RA1 fol. 228. Il-bilanc kellu jithallas fuq il-kuntratt. Hu ggira wkoll fuq R Agius *cheques* mahrugin minn terzi b'kemm jiswew Lm43,750 u hariglu zewg *cheques* f'ismu personali ghas-somma ta' Lm6,000 u Lm3,000. B'hekk hu hallas lill Fenech Lm53,000 u lill Agius Lm52,750 u bejn Lm12,000 u Lm13,000 f'konkos.

"L-atturi qed jikkontestaw dawn il-figuri u qed jissottomettu li huma ma rcevewx il-flus li semma l-konvenut.

"In-Nutar A. Abela xehed li fil-11 ta' Settembru, 1990 Raymond Agius u Francis Fenech kienu dahlu f'konvenju mal-konvenut u George Seychell biex dawn jixtru l-lukanda in kwistjoni bil-prezz ta' Lm187,000. Bhala depozitu Seychell kellu jghaddi xi *garages* lill Fenech. Kienet saret skeda kif kellhom isiru l-pagamenti (ara fol. 65) sakemm isir il-kuntratt f'Mejju tal-1992. Il-pagamenti ma waslux u n-Nutar kien kiteb lill-konvenuti (ara fol. 66) biex ihallsu u wissihom li l-atturi kienu ser jipprocedu kontra taghhom. Biex jipprovaw jirrangaw l-affarijiet kien sar ftehim iehor fit-8 ta' Jannar, 1991 (fol. 71). Il-

pagamenti li kellhom isiru ta' Lm14,000 u ta' Lm15,000 baq[gh]u ma sarux. Imbaghad Seychell hareg mil-ftehim u sar konvenju (fol. 63) ma Vella biss u dan obbliga ruhhu li jaghti l-Lm40,000 li kien hareg originarjament Seychell fuq l-ewwel konvenju (fol. 64). Din id-darba wkoll il-konvenju kien ukoll ghal prezz ta' Lm187,000 tal-lukanda (fol. 63). Fenech xehed li billi l-konvenut ma kellux flus, hu kellu jiehu self mill-bank. Huma kienu ftehemu li fuq il-kuntratt jaghmlu l-prezz ta' Lm240,000 biex il-konvenut ikollu Lm140,000 f'idejh biex ihallas.

"Dwar dawn il-konvenji u ftehim, il-konvenut ighid li kollox hu falz. In-Nutar Abela xehed u ikkonferma l-awtenticità tad-dokumenti u li hu kien inizzel dak li jghidulu l-partijiet u li l-problema tal-konvenut kienet nuqqas ta' flus.

"Jirrizulta minn dawn il-provi li l-konvenut ma kienx hallas permezz tal-konkos u lanqas ma kien ghadda il-Lm15,000. Il-pagament ta' Lm40,000 li l-konvenut kellu jhallas lura lill Seychell sar wara li l-konvenut is[s]ellef mill-bank u mhux qabel ma saret l-iskrittura Dok A ghalhekk ma jistax jghid li hu kien digà ghamel pagamenti qabel lill atturi li kellhom jitnaqqsu. Il-pagamenti lill George Seychell saru mill-konvenut wara l-iskrittura Dok. A cioè saru wara Mejju 1992 u propjament f'Gunju, Lulju, Settembru u Ottubru 1992 fol. 164, 171, 183, 194 u 198 wara li ha l-flus mill-bank.

"Dwar il-pagamenti l-ohra li l-konvenut ighid li ghamel, Raymond Agius xehed li d-dokument RA1 a fol. 22 li hemm ma l-*affidavit* ta' Vella sar fuq insistenza tal-konvenut biex ikun jista jgib il-flus mill-bank. Il-Lm140,000 hu qatt ma rahom. Il-*letterhead* kien ghamilha Vella stess biex ikun jista' jgib il-flus.

"Dwar id-Lm9,000 u c-*cheques* l-ohra Agius spjega li dawn m'ghandhomx x'jaqsmu ma dan il-kaz. Hu ma kienx ghamel negozju wiehed ma' Vella. Hu kien gablu x-xoghol minn barra li l-konvenut hallsu taghhom.

"Dwar il-pagamenti l-ohra li l-konvenut ighid li ghamel permezz ta' *cheques* mahruga minn terzi u li gew

allegatament moghtija lill Agius, il-Qorti tirrileva li dwar dawn ma ngabet ebda prova fuq il-konsistenza taghhom u lanqas kif saru.

“Il-konvenut qed jattakka wkoll l-iskrittura ghax fuq il-garanzija li huwa ghamel m’hemmx il-firma tal-mara tieghu u semma l-artikoli 1322 tal-Kap 16.

“Il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 1324 tal-Kap. 16 fejn dan jipprovdi li atti normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f’dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni, anke fejn dawk l-atti kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.

“Il-konvenut ukoll qed jippretendi li l-iskrittura hija nulla ghax hija projbita mill-ligi u kuntrarja ghall eghmil xieraq jew ghall ordni pubbliku fis-sens li l-iskrittura saret biex tigi evasa t-taxxa. Il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova f’dan is-sens anzi jirrizulta li l-iskrittura saret biex il-konvenut ikun jista’ jissellef aktar flus mill-bank u jkollu aktar flus a disposizzjoni tieghu biex ikun jista’ jhallas kuntratturi ohrajn. L-iskop ta’ l-iskrittura kien u saret fuq insistenza tal-konvenut sabiex ikun jista jiehu *overdraft facility* mill bank.

“**PRESKRIZZJONI**

“Il-konvenut eccepixxa ulterjorment a fol. 212 li kwalunkwe kreditu konsistenti f’xoghol ta’ bini u kostruzzjoni huwa milqut bil-preskrizzjoni a termini ta’ l-artikolu 2148(a) Kap. 16 (tmintax-il xahar); b’terminu ta’ sentejn taht l-artikolu 2149(a) fir-rigward ta’ kontrattazzjoni ta’ xoghol ta’ bini. A tenur ta’ l-artikolu 2160(1) il-konvenuti digà ddikjaraw li m’humiex debituri ta’ l-atturi.

“Illi mill-provi prodotti jidher car li l-konvenut bl-iskrittura msemmija rrikonoxxa li huwa debitur ta’ l-atturi u ghalhekk japplika l-artikolu 2133 tal-Kap. 16 li l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik

il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja (Vol LXXXI P. 3 p. 217).”

Rat ir-rikors ta’ appell tas-socjetà konvenuta u tal-kjamat fil-kawza illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha thassar tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilqa’ l-eccezzjonijiet kemm tas-socjetà konvenuta u kemm tal-kjamat fil-kawza u tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta tal-atturi appellati illi permezz taghha talbu illi:
“… din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell tal-atturi [*recte*: konvenuti] appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi [*recte*: konvenuti]”;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, ghandu jinghad, illi permezz ta’ sentenza pronunzjata illum minn dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet *Anthony Mario Vella et vs Francis Fenech et* (Citaz. Nru. 2386/99) giet konfermata s-sentenza tat-tletin (30) ta’ Marzu, 2001 illi permezz taghha gew michuda t-talbiet relativi ta’ l-atturi u, b’rizultat ta’ hekk, il-validità tad-dokument A (fol. 5), esibit mill-atturi odjerni meta ntavolaw l-att ta’ citazzjoni in ezami, ma ghadhiex in diskussjoni;

Dan stabbilit, dawk illi l-konvenuti appellati jikkonsidraw bhala aggravji - u illi dwarhom ghamlu sottomissjonijiet fil-paragrafi enumerati minn erbatax (14) sa wiehed u ghoxrin (21) tar-rikors ta’ appell - ma jimmeritawx konsiderazzjoni minn dina l-Qorti. Dana peress illi dawn l-“aggravji” huma intizi biss sabiex tigi ottenuta dikjarazzjoni illi l-imsemmi dokument A huwa invalidu;

Ikkunsidrat:

Jibqa' biss illi jigi konsidrat l-ahhar aggravju tal-konvenuti appellanti, trattat fil-paragrafi enumerati tnejn u ghoxrin (22) u tlieta u ghoxrin (23) tar-rikors ta' appell. Dan l-aggravju jirrigwarda c-cahda mill-ewwel Qorti ta' l-eccezzjonijiet ta' l-appellanti illi l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* ta' l-artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili;

Tajjeb illi jinghad, qabel xejn, illi l-appellanti avanzaw dawn l-ahhar imsemmija eccezzjonijiet permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghhom,ipprezentata fis-sittax (16) ta' Novembru, 1999 (fol. 212). Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti cahdet dawn l-eccezzjonijiet wara illi kkonsidrat hekk:
"Il-konvenut eccepixxa ulterjorment a fol. 212 li kwalunkwe kreditu konsistenti f'xoghol ta' bini u kostruzzjoni huwa milqut bil-preskrizzjoni a termini ta' l-artikolu 2148(a) Kap. 16 (tmintax-il xahar); b'terminu ta' sentejn taht l-artikolu 2149(a) fir-rigward ta' kontrattazzjoni ta' xoghol ta' bini. A tenur ta' l-artikolu 2160(1) il-konvenuti digà ddikjaraw li m'humiex debituri ta' l-atturi.

"Illi mill-provi prodotti jidher car li l-konvenut bl-iskrittura msemmija rrikonoxxa li huwa debitur ta' l-atturi u ghalhekk japplika l-artikolu 2133 tal-Kap. 16 li l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja (Vol. LXXXI p3 p 217)."

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta meta rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici sollevati mis-socjetà konvenuta u mill-kjamat fil-kawza izda ma kellhiex tirrespingihom ghar-ragunijiet imsemmija fis-silta appena citata tas-sentenza appellata. Infatti, meta l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni korretta illi "… l-konvenut [jew ahjar, is-socjetà konvenuta u l-kjamat fil-kawza] bl-iskrittura msemmija [Dok. A] rrikonoxxa li huwa debitur ta' l-atturi …", kellha tigbed il-konkluzjoni legali u logika illi ghall-azzjoni dwar l-allegat kreditu, meritu tal-kawza odjerna, ma japplikawx l-artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili (vide Artikolu 2151 tal-

Kap. 16) u, konsegwentement, tirrespingi l-eccezzjonijiet relativi;

Dan premess, tajjeb illi jinghad f'dan l-istadju illi dak illi jissottomettu l-appellanti fil-paragrafi 22 u 23 tar-rikors ta' appell taghhom seta' jigi konsidrat biss kieku rnexxiet l-azzjoni taghhom u ta' mart il-kjamat fil-kawza, ezercitata permezz tal-kawza fl-ismijiet *Anthony Mario Vella et vs. Francis Fenech et* (Citaz. Nru. 2386/99) imsemmija aktar 'l fuq.  Kif già inghad, din l-azzjoni ma rnexxietx u, konsegwentement, l-iskrittura dokument A hija valida;

Sabiex ma jkun hemm ebda ekwivoku, tajjeb illi jinghad illi fir-rikors ta' appell, apparti l-artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili, l-appellanti ma invokaw ebda provvediment specifiku iehor tal-ligi illi jikkontempla l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici.  Dan qed jinghad peress illi dina l-Qorti hija konxja - u hadet in konsiderazzjoni - mis-segwenti silta mill-paragrafu 23 tar-rikors ta' appell:
"Jekk wiehed jaccetta ghall-grazzja ta' l-argument ix-xhieda tal-atturi illi l-iskrittura saret fit-30 ta' Mejju 1992 … t-terminu jerga' jibda jghaddi, *se mai* jghaddi al massimu ghal hames snin …";

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-aggravju in ezami ta' l-appellanti mhux fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------